MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 1/2008

**Victoria Zammit**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta' Novembru, 2007 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**L-Arbitru.
>
> Ra d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali datata 14 ta' Gunju 2006.
>
> Ra l-ittra ta' l-appell.
>
> Ra r-risposta tad-Direttur flimkien mad-dokumenti kollha esebiti.

Ra n-nota responsiva ta’ l-appellanti.

Sema' l-partijiet jittrattaw il-kaz.

Ikkunsidra:-

Illi permezz tad-decizjoni moghtija minnu fl-14 ta' Gunju 2006, id-Direttur iddecieda li l-appellanti ma kenitx intitolata ghal Pensjoni ghal Irtirar peress illi l-medja minn sena ghal sena ta' kontribuzzjonijiet imhallsa minnha jew akkreditati lilha hija anqas minn 20 skond kif mitluba fl-Artikolu 17(5) ta’ l-Att dwar is-Sigurta` Socjali.

Illi l-appellanti tissottometti li hija hallset il-kontribuzzjonijiet taghha ghal izjed minn ghaxar (10) snin u li ghalhekk ghandha dritt tippercepixxi minn pensjoni ghal irtirar peress li l-medja mahduma fuq tletin (30) sena tirrizulta f’izjed minn tletin (30) kontribuzzjoni fis-sena.

Illi d-decizjoni tad-Direttur f’dan il-kaz ittiehdet a bazi tal-fatt illi l-appellanti fuq medja ta' erbghin (40) u cioe` mis-sena 1965 (meta hija ghalqet 19-il sena) sal-2005 (is-sena li tipprecedi dik li fiha hija ghalqet l-eta' ta' 60), hi kienet hallset medja ta' 14.35 kontribuzzjoni fis-sena. Ghalhekk skond l-Art 17(5) tal-Kap. 318, sabiex persuna tigi intitolata ghal Pensjoni ghal irtirar, il-medja ma tridx tkun anqas minn 20.

Peress li l-appellanti rtirat mix-xoghol qabel is-16 ta' Jannar 1979, it-talba taghha ma tistax tigi kunsidrata taht l-Artikolu 52 u l-Artikolu 53 ta’ l-Att dwar is-Sigurta` Socjali. Ghalhekk il-pensjoni taghha se mai giet kunsidrata taht l-Artikolu 50 (Pensjoni Minima Nazzjonali) u l-medja ta' kontribuzzjonijiet giet kunsidrata skond il-provvedimenti ta’ l-Artikolu 2(b)(i)(a) tal-Hdax-il Skeda ta’ l-istess Att, fejn il-medja tinhadem fuq medda ta' snin li jibdew mis-sena li persuna tkun

ghalqet l-eta' ta' 19-il sena sas-sena li tipprecedi s-sena li fiha hija tirtira. Ghalhekk f'dan il-kaz il-medja ta' kontribuzzjonijiet ta' l-appellanti hija dik ta' 14.35 (u cioe' 574 kontribuzzjonijiet, divizi b'40 sena), u b'hekk din il-medja taqa' taht il-minimu ta' 20 kif rikjest mil-Ligi.

Ghal dawn il-motivi d-decizjoni tad-Direttur hija wahda gusta u timmerita konferma u dan l-appell qed jigi michud."

Ir-rikorrenti Victoria Zammit hassitha aggravata b'din id-decizjoni ta' l-Arbitru u bhala punti in sostenn ta' l-obbjezzjoni taghha tissottometti dan li gej:-

(1) Il-provi juru li hi hallset 713-il kontribuzzjoni u mhux 574 kif indikat mill-Arbitru;

(2) L-interpretazzjoni akkordata mill-Arbitru lill-Artikolu 2 (b) (i) (a) tal-Hdax-il Skeda tal-Kapitolu 318 mhix dik korretta. F'dan il-kuntest l-appellanti tikkontendi, *inter alia*, illi dan l-artikolu bl-ebda mod ma jindika li n-numru ta' snin li bihom ghandhom jigu divizi l-kontribuzzjonijiet maghmula bhala z-zmien minn meta persuna taghlaq dsatax-il sena sas-sena ta' qabel l-eta` tal-pensjoni. Tissokta tissottometti illi l-interpretazzjoni korretta ghandha tkun dik illi l-kontribuzzjonijiet m'ghandhomx jinqasmu fuq perijodu ta' erbghin sena, kif erronjament determinat mill-Arbitru, izda fuq perijodu li jintemm sas-sena li fiha jsiru l-ahhar kontribuzzjonijiet. In bazi ghal din l-interpretazzjoni taghha l-appellanti tippretendi li d-decizjoni ta' l-Arbitru ghandha tigi mwarrba, u, invece, jigi ddikjarat li hi eligibbli ghall-pensjoni;

Il-fatti l-aktar sostanzjali li johorgu mill-atti processwali quddiem l-Arbitru huma s-segwenti:-

(1) Fit-30 ta' Mejju, 2006 l-appellanti applikat ghal Pensjoni ghall-Irtirar;

(2) Id-Direttur ma accettax din it-talba taghha bil-kontenzjoni illi l-medja minn sena ghal sena ta' kontribuzzjonijiet imhallsa minnha jew akkreditati lilha kienet inferjuri ghal ghoxrin (20);

(3) L-appellanti, minn naha taghha, tirribatti illi hi hallset medja ta' hamsin (50) kontribuzzjoni mifruxa fuq il-perijodu li fih hadmet minn Mejju 1965 sas-sena 1978;

Stabiliti dawn il-ftit fatti, hi disposizzjoni esplicita tal-ligi fl-Artikolu 44 tal-Kapitolu 318 illi, bla hsara ghal disposizzjonijiet ohra ta' l-Att, biex persuna tikkwalifika ghall-Pensjoni ghal Min Jirtira din riedet tissodisfa zewg pre-rekwiziti, u cjoe li:-

(a) fid-data ta' meta tirtira tkun tissodisfa l-kondizzjonijiet ta' kontribuzzjonijiet rilevanti;

u (b) taghmel talba ghal hekk fi zmien sitt xhur minn dik id-data;

Dak li jikkoncerna l-punt in diskussjoni ghandu rabta ma' l-ewwel pre-rekwizit;

Huwa mbaghad provvdut, b'abbinament ma' l-Artikolu 17 ta' l-istess Kapitolu, illi l-kondizzjonijiet ta' kontribuzzjonijet huma in virtu ta' l-Artikolu 2 tal-Hdax-il Skeda dawn li gejjin:-

(1) Il-persuna tkun hallset mhux anqas minn 156 kontribuzzjoni;

u (2) Il-medja ta' kontribuzzjonijiet imhallsa jew akkreditati lilha hu komputat ghall-perijodu "li jibda mill-ewwel gurnata tas-sena ta' kontribuzzjoni taghha li fiha jahbat is-7 ta' Mejju 1956, jew fl-ewwel gurnata tas-sena ta' kontribuzzjoni taghha li fiha l-eta` ta' dsatax-il sena liema minnhom issir l-ahhar" [subparagrafu (i) (a)] u "li tispicca fl-ahhar gurnata tas-sena ta' beneficcju taghha li tinkludi l-gurnata li fiha l-kondizzjonijiet jinhtiegu li jkunu sodisfatti" [subparagrafu (ii)];

Fil-kaz in ezami hu koncess mid-Direttur appellat illi l-appellanti effettivament hallset total ta' 713

kontribuzzjonijiet u mhux 574, kif minnu erronjament indikat fir-risposta tieghu ghall-gravam ta' l-appellanti quddiem l-Arbitru. Ara il-verbal registrat fis-seduta tat-22 ta' Gunju, 2007. Taht dan l-aspett l-ewwel sottomissjoni ta' l-appellanti hi gustifikata. Ciononostante, anke b'dak in-numru mizjud ta' kontribuzzjonijiet il-medja rizultanti (17.82) xorta wahda kienet anqas mill-minimu ta' ghoxrin kontribuzzjoni fis-sena ghal liema jirreferi l-Artikolu 17 (5) ta' l-Att dwar is-Sigurta` Socjali;

Premess dan, il-kwestjoni l-aktar centrali f'dan il-kaz tiddependi mill-interpretazzjoni li trid tigi akkordata lill-provvediment succitat tal-ligi fil-Hdax-il Skeda. Jikkonsegwi li l-Qorti trid tezamina jekk l-interpretazzjoni li l-aktar tikkorrispondi ghar-*ratio legis* hijiex dik provvduta mid-Direttur appellat jew, invece, dik supplita mill-appellanti;

Fil-fehma ta' din il-Qorti dak li l-ligi pprovdiet ghalih mis-sinjifikat tal-kliem, mehuda fil-kostruzzjoni lessikali u grammatikali taghhom fil-proposizzjoni normattiva, hu dak li ghal fini tal-komputazzjoni tal-medja ried jittiehed in konsiderazzjoni l-perijodu shih mill-inkomincjament tas-sena li fih l-appellanti ghalqet 19-il sena sas-sena shiha ta' kontribuzzjoni, kif mill-Att definita, li tipprecedi dik tas-sena tal-beneficcju reklamat minnha, inkluziva tal-gurnata li fiha l-kondizzjonijiet surreferiti kienu sodisfatti. Dejjem fil-hsieb tal-Qorti, jekk jemergi aspett inekwivoku mid-disposizzjoni ta' l-artikolu fil-Hdax-il Skeda dan hu raffigurat mill-portata tal-kelma "qabel" (fit-test bl-Ingliz "*before*") bil-konnotazzjonijiet kollha taghha, sussegwita bil-kliem "*the beginning of his benefit year which includes the day on which the conditions are required to be satisfied*." Semantikament tradott, fil-kaz prattiku dan ifisser illi mis-sena 1965 sas-sena 2005 (u allura precedenti s-sena ta' l-intitolar ghal beneficcju) kien hemm perijodu ta' erbghin sena li meta kkonfrontati mal-kontribuzzjonijiet imhallsa jaghtu medja ta' 17.82 kontribuzzjoni fis-sena. Li jfisser, allura, mejda inferjuri ghal minimu ta' 20 kontribuzzjoni rikjest mil-ligi;

Fuq il-bazi ta’ din l-interpretazzjoni, li b’mod generali l-Qorti approfondiet fis-sentenza taghha tat-12 ta’ April, 2007 in re: “**Violet Tesi -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**” ma jidherx li s-sentenza ta’ l-Arbitru, avolja ddizattendiet il-verbal hawn fuq riferit, tista’ titqies li tiddifetta fir-ragonament u l-konkluzjoni taghha.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez jibqghu fic-cirkustanzi bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------